A.L. 68 ta' l-2005

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP.437)

Regoli ta' l-2005 dwar il-Livelli ta' Kontrolli fl-Identifikazzjoni u r-Registrazzjoni ta' Annimali Bovini

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikolu 10(b) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2005 dwar il-Livelli ta' Kontroll f'Identifikazzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' Annimali Bovini.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regoli hu biex jimplimenta r-regoli stipulati bir-Regolament tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 1082/2003 (KE).

Definizzjonijiet.

2. Għall-iskop ta' dawn ir-regoli, "l-awtorità kompetenti" tfisser is-Servizzi Veterinarji kif imwaqqfa bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Kontrolli għas-sistemi ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni.

3. Il-kontrolli pprovduti fis-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali bovini għandhom, għall-anqas, ikunu konformi mar-rekwiżiti minimi li hemm provdut dwarhom fir-regoli 4 sa 7.

Spezzjonijiet fuq il-post.

4. (1) L-awtorità kompetenti għandha tagħmel ispezzjonijiet fuq il-post, li jistgħu jsiru flimkien ma' ispezzjonijiet oħra li hemm pprovdut dwarhom bill-liġi tal-Komunità. Dawk l-inspezzjonijiet għandhom ta' kull sena jkopru għall-inqas 10% ta' l-irziezet li jinsabu f'Malta. Dik ir-rata minima ta' kontroll għandha tiżdied b'mod immedjat fejn jiġi stabbilit li l-liġi tal-Komunità rigward l-identifikazzjoni ma tkunx ġiet osservata.

(2) B'deroga mis-subregola (1), fejn Stat Membru għandu fis-seħħ *database* li taħdem kompletament skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 li jipprovdi faċilitajiet ta' kontro-ezami effettivi, tista' tiġi kkunsidrata rata ta' 5%.

(3) L-għazla ta' l-rziezet li għandhom jiġu spezzjonati mill-awtorità kompetenti għandha ssir abbażi ta' analizi tar-riskju.

(4) L-analiżi tar-riskju għal kull razzett għandha tqis b'mod partikolari, dawn li ġejjin:

(a) l-għadd ta' annimali fir-razzett, inklużi d-dettalji ta' l-annimali kollha prezenti u ta' l-annimali identifikati fir-razzett;

(b) konsiderazzjonijiet ta' saħħa pubblika u ta' l-annimali, u b'mod partikolari l-ezistenza ta' tifqigħat ta' mard li kien hemm qabel;

(ċ) l-ammont ta' *premium* annwali ta' bovini mitlub u, jew imħallas lir-razzett, mqabbel ma' l-ammont imħallas is-sena ta' qabel;

(d) tibdiliet sostanzjali meta mqabbla ma' sitwazzjonijiet fi snin preċedenti;

(e) riżultati ta' kontrolli magħmulin fis-snin ta' qabel, u b'mod partikolari:

(i) lir-reġistru r-razzett jinżamm kif imiss, skond kif pprovdut bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2629/97;

(ii) li l-passaporti ta' l-annimali preżenti fir-razzett jinżamm kif imiss skond , kif provdut bir-Regolament (KE) Nru 2629/97.

(f) il-kommunikazzjoni xierqa tad-*data* lill-awtorità kompetenti;

(ġ) kriterji oħra li għandhom jiġu definiti mill-awtorità kompetenti.

(5) Kull spezzjoni għandha tkun is-suġġett ta' rapport skond il-mudell imfassal fuq livell nazzjonali li jipprezenta ir-rizultati tal-kontrolli u kull riżultanza insodisfaenti, ir-raġuni għall-kontroll u l-persuni preżenti. Il-gwardjan jew inrappreżentant tiegħu għandu jingħata l-opportunità li jiffirma r-rapport u, kif imiss, li jagħti l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-kontenut tiegħu.

(6) Kopji tar-rapport imsemmi fis-subregola (5) għandhom, meta juru li kien hemm ksur tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000, jintbagħtu mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti responsabbli

għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2419/2001.

Annimali koperti bil-kontroll.

5. (1) Il-kontroll għandu jkopri l-annimali kollha fir-razzett li jkun hemm identifikazzjoni dwarhom bir-Regolament (KE) Nru 1760/2000.

(2) B'deroga mis sub-regola (1), jekk għal raġunijiet prattiċi ma jkunx possibli li l-annimali fir-razzett jiġu miġbura fi żmien 48 siegħa, l-awtorità kompetenti tista' tipprovdi għal sistema ta' ġbir ta' kampjuni ġaladarba jkun assigurat li hemm livell serju ta' kontroll.

Regoli li jirregolaw l-ispezzjonijiet fuq il-post.

6. (1) B'mod ġenerali kontrolli fuq il-post m'għandhomx jiġu mħabbra. Fejn jingħata avviz minn qabel, dan għandu jiġi limitat għal l-inqas ħin li hu strettament neċessarju u bħala regola ġenerali m'għandux jeċċedi t-48 siegħa.

(2) Malta għandha tagħmel rapport annwali lill-Kummissjoni, qabel il-31 ta'Awissu ta' kull sena, waqt li taghti dettalji dwar dan li gej:

(a) l-att ta' irziezet fl-Istat Membru konċernat;

(b) l-għadd ta' spezzjonijiet magħmula skond l-Artikolu 2;

(ċ) l-għadd ta' annimali li ġew spezzjonati;

(d) Kull kontravenzjoni misjuba;

(e) Kull sanzzjoni imposta skond l-Artiklu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000.

(3) L-informazzjoni li għaliha hemm riferenza fis-subregolament (1) ta' din ir-regola għandha tiġi mgħoddija lill-Kummissjoni skond il-mudell ta' l-istruttura ppreżentat fi skeda 1.

Applikabilità tar-Regolament tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (EC) No 2630/97.

7. Għal l-iskop ta' dawn ir-regoli kull riferenza għar-Regolament tal-Kumissjoni ta' l-Unjoni Ewropea (KE) No 2630/97 għandha tiftiehem bħala riferenza għal din ir-regola u għanda tinqara skond it-tabella ta' korrelazzjoni mnizzla fi Skeda 2.

Skeda I

Rapport fuq ir-riżultati tal-kontrolli maghmulin fis-settur tal-bovini dwar disposizzjonijiet tal-Komunità għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni

1

Informazzjoni ġenerali dwar l-annimali u spezzjonijiet

Għadd totali ta` rziezet [1] registrati f` Malta kif registrati fil-bidu tal-perjodu ta` rappurtar/ispezzjoni	
Għadd totali ta` rziezet spezzjonati	
Għadd totali ta` spezzjonijiet magħmula	
Għadd totali ta' annimali bovini kif registrati fil-bidu tal-perjodu ta` rappurtar/ispezzjoni	
Għadd totali ta` bovini fi rziezet li ġew ispezzjonati	

2

Kontravenzjonijiet skond il-kategorija

	Annimali milquta	Rziezet milquta
1.Nuqqas fl-identifikazzjoni ta' l-annimali		
2. Diskrepanzi fir-registru tar-razzett		
3. Nuqqas fin-notifikazzjoni ta' twelid, mewt jew moviment		
4. Anomaliji fil-passaport[2]		
5. Annimali / rziezet bi ksur wieħed biss kif imniżżel f`punti 1 – 4		
6. Annimali/rziezet b`aktar minn kontravenzjoni waħda kif imnizzla f`punti 1-4		
7. Annimali/rziezet b'kontravenzjoni f`kollox (punti 5 u 6)		

3

Sanzjonijiet imposti skond ir-Regolament (KE) Nru 494/98

	Annimali milquta	*Irziezet milquta*
1. Restrizzjoni ta` movimenti ta' bovini individwali		
2. Restrizzjoni ta` movimenti tal-bovini kollha fir-razzett		
3. Qirda ta' annimali		
Total		

[1] Kif imfissra fit-tieni inċiż ta` l-Artiklu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000.

[2] Mhux applikabbli fi Stati Membri li iddecidew li l-passaporti ghandhom jinhargu biss ghal annimali intizi ghal kummerc intra-Kommunitarju skond l-Artikolu 6 (3) tar-Regolament (KE) Nru. 1760/2000

Skeda II

Tabella ta' Korrelazzjoni

Regolament (KE) Nru 2630/97	Dawn ir-Regoli
Artiklu 1	Regola 3
Artiklu 2 (1)	Regola 4 (1)
Artiklu 2 (2)	Regola 4 (2)
Artiklu 2 (3)	Regola 4 (3)
Artiklu 2 (4) (a)	Regola 4 (4) (a)
Artiklu 2 (4) (b)	Regola 4 (4) (b)
Artiklu 2 (4) (c)	Regola 4(4) (c)
Artiklu 2 (4) (d)	Regola 4 (4) (d)
Artiklu 2 (4) (e), l-ewwel inċiż	Regola 4 (4) (e) (i)
Artiklu 2 (4) (e), it-tieni inċiż	Regola 4 (4) (e) (ii)
Artiklu 2 (4) (f)	Regola 4 (4) (f)
Artiklu 2 (4) (g)	Regola 4 (4) (g)
Artiklu 2 (5)	Regola 4 (5)
Artikolu 2 (6)	Regola 4 (6)
Artiklu 3	Regola 5
Artiklu 4	Regola 6
Artiklu 5	Regola 6
-	-
Artiklu 6	Regola 7
Anness	Skeda I
-	-
-	Skeda II